# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 396/2008MH**

**Illum, 15 ta' Lulju 2022**

**Ismijiet:**

**Bank of Valletta p.l.c.( C-28933)**

**Vs**

**Anthony u Josephine miżżewġin Ciantar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Partick Critien, datati fit-30 t'April 1999 (Dok. A1 uA2), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Toys 'N Kids Limited;
2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Toys 'N Kids Limited fis-somma ta' disa' mija u tnejn u disghin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u tletin centezmu( 992,728.27) ekwivalenti ghall- erba' mija u sitta u ghoxrin elf, mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u sebgha u ghorxin centezmu( Lm426,178.27) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft

Accounts' tas-socjeta' Toys 'N Kids Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. 'B1 sa B3', Dok 'C1 sa C3, Dok. 'D1 sa D370') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Frar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' skritturi privati u cioe' dawk datati 30 t'April 1999 u 24 ta' Mejju 2000 (Dok. 'E, 'F) u permezz taz-zewg kuntratti datati fit-30 t'April 1999 in atti Nutar Dottor Patrick Critiuen il-konvenuti Anthony u Josephine mizzewgin Caintar iggarantew flimkien u 'in solidum' mas-socjeta' Toys 'N Kids Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c id-debiti ta' l-istess Toys 'N Kids Limited mal-bank of velletta p.l.c.
4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija ( u hawn esebit bhala dokument 'A1 u A2,' 'E' , 'F') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony u Josephine mizzewgin Ciantar
   (a) Naqsu milli jhalsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skitturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-'stess kuntratti u skitturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Anthony u Josephine mizzewgin Ciantar li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.
5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.
6. Illi l- Konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fis-27 ta' Dicembru 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'I', sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu imadampjenti u ghal din ir-raguni kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenut ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti joghgoba;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skitturi privati fuq imsemmija ( u hawn esebit bhala Dokument 'A1 u A2, E, F ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony u Josephine mizzewgin Ciantar ( a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-Socjeta' mittenti kif stupulat fl-imsemmi kuntratti u skitturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Anthony u Josephine mezzewgin Ciantar li jipperiklolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundana lil Anthony u Josephine mizzewgin Ciantar jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u disgin elf, seba' ija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u tletin cemtezmu(992,728.33) ekwivalenti ghall-erba' mija u sitta u ghoxrin elf, mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u sebgha u ghorxin centezmu( LM 426,178.27) bilanc ghad-debitu fil-'loan u l-overdraft Accounts' tas-socjeta' Toys 'N Kids Limited mal-Bank of Valletta p.l.c ( Dok 'B1 sa B3' , Dok. 'C1 sa C3', ' Dok. D1 sa D370') flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Frar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagamenti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-27 ta' Dicembru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta ġuramentata fejn intqal li

Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kollha.

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma Anthony Ciantar (ID 440645M).

1. Illi l-fatti kontenuti fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur ma humiex kontestati.

2. Illi l-fatti kontenuti fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur huma kontestati. Ma hux minnu li s-socjeta' Toys 'N Kids Ltd. ghandha taghti s-somma ta' Euro 992,728.33 jew xi somma ohra verjuri f'dawk l-akwati. Dan minhabba l-fatt illi fl-2003 il-kontijiet kollha tas-socjetajiet tal-familja Ciantar kienu ttiehdu r-Recoveries Office tal-bank attur. Dawn il-kontijiet bankarji kienu jikkonsistu fil-kontijiet ta' Nicholsons The Supermarket Limited, Toys "N Kids Limited, G & C Rubber and Extrusions Limited, kif ukoll xi kontijiet personali ta' membri tal-familja Ciantar. Fl-2005, wara hafna laqghat bejn il-partijiet u l-konsulenti taghhom, intlahaq ftehim illi permezz tieghu il-bank attur kien ser, jikkonsidra l-kontijiet kollha globalment, u kien ikkrastilizza l-bilanc li kien dovut mill-Group kollu tas-socjetajiet tal-familja Ciantar fis-somma globali ta' LM1,397,775.59. Fil-fatt il-bank kien anke approprija dan il-bilanc totali fuq id-diversi socjetajiet tal-istess familja. L-istess bank kien ukoll accetta li dal-bilanc rimanenti ta' LM1,397,775.59 kien jithallas permezz ta' *cash payment* ta'

circa LM400,000 u ta' pagament ta' LM800,000 li kellhom jigu minn bejgh ta' diversi propjetajiet immobbli. Kien ukoll miftiehem, u fil-fatt sar hekk, illi d-dejn ta' Toys 'n Kids Limited jigi ridott ghas-somma ta' LM97,725.69. Din is-somma kienet komposta minn tliet cifri: LM62,374.51 in kwantu jirrigwarda l-overdraft; LM35,166.66 in kwantu jirrigwarda l-loan u LM184.52, spejjez. Kien ukoll ulterjorment mifiehem illi l-garanzija tal-konvenuti f'din il-kawza tkun l-ahhar haga li ser idur ghaliha l-bank, wara li jiddiskuti l-assi l-ohra kollha li kien hemm biex jaghmlu tajjeb. Illi in adempjenza ta' dan il-ftehim, s'issa minn bejgh ta' assi immobbli u minn pagamenti in kontanti, il-bank attur gia' thallas circa LM700,000. In pessima ipotesi dan il-pagament ghandu jigi approprijat pari passu fuq il-kontijiet kollha involuti. Ghalhekk ghandu jigi ppruvat b'mod car illi wara l-2005, il-bilanc dovut mis-socjeta' Toys 'N Kids Limited kien jammonta ghal LM97,725.69 u li kontra dan il-bilanc saru diversi pagamenti.

3. Illi l-fatti kontenuti fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur huma kontestati fis-sens illi ai termini tal-iskritturi privati esebiti bhala Doks. E u F, il-massimu li seta jigi rkuprat mill-konvenuti kien jammonta ghal LM265,000 (massimu ta' LM250,000 f'Dok. E u LM15,000 f'Dok F), oltre l-imghaxijiet li ddekorrew minn wara s-27 ta Gunju 2007 (i.e. sitt xhur qabel ma ntbaghtet l-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2007).

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jirrizulta wkoll, illi l-konvenuti ma humiex garanti ghas-somma ta' EUR96,137.66 u cioe' il-kont numru 400 16166642, liema kont ma kienx parti mill-ftehim ta' garanzija li kienu ssottoskrivew ghalih il-konvenuti.

5. Illi l-fatti kontenuti fir-raba paragrafu tar-rikors promotur huma kontestati stante li l-konvenuti ma kienux marbutin bl-*events of default* li fuq il-ksur taghhom qed tigi bbazata din il-kawza. Dan qed jinghad peress illi l-kuntratt ta' *overdraft* tat-30 t' April 1999 (Dok. A) ma jinkludix l-*events of default* bhala parti minnu, mentri r-rikors promoter qed jinsisti li l-ammont pretiz kollu hu dovut ghax sehhew il-grajjiet indikati fir-rikors.

6. Illi l-fatti kontenuti fis-sitt paragrafu tar-rikors promotur mhumiex kontestati, pero' din l-ittra interpellatorja tfisser illi l-bank attur f'dak iz-zmien kien tellef il-beneficcju taz-zmien lid-debitur principali u lill-garanti, u kwindi, ai termini tal-artikolu 1963 tal-Kap. 16, una volta ma pprocediex kontra l-konvenuti fit-terminu ta' xahrejn infraskritt, il-garanzija tal-konvenuti skadiet u l-kawza kontra taghhom ma hijiex sostenibbli.

7. Illi jiena naf dawn il-fatti personalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluż dawk allegati tal-Qorti ta' l-Appell li ddeċidew billi ċaħdu l-ewwel eċċezzjoni.

Rat li nonostante xhieda mressqa mill-konvenuti li provat xxejjen d-dovut b'argumenti varji, mod partikolari ta' ħlas passat ukoll ta' ftehim dwar tnaqqis sostanzjali mis-somma reklamata, li tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, aktar lejn l-aħħar ta' l-istess, intalbu varji differimenti biex il-partijiet jasslu għal transazzjoni.

Dan wassal biex fl-aħħar seduta[1] l-bank attur ippresenta nota tiegħu li biha rriduċa l-pretensjoni tiegħu kif ġej;

*"...għas-somma ta' disa' mija u tnejn u disgħin elf, sebgħa mija u tmienja u għoxrin Ewro, u tlieta u tlettin ċenteżmu (€992,728.33) flimkien ma imgħax legali mit-23 ta' Diċembru, 2019 sal-jum tal-effettiv pagament, stante depositu fil-mori ta' din il-kawza"*

Kawza ta' hekk il-konvenuti fl-istess seduta presentaw nota li biha ammettew t-talbiet attriċi.

Konsegwentement fuq saħħa ta' dan il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi:

**tilqa t-talbiet kollha attriċi u konsegwentement tikkundana lil Konvenuti Anthony u Josephine miżewġin Caintarjħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma** ta**'** disa' mija u tnejn u disgħin elf, sebgħa mija u tmienja u għoxrin Ewro, u tlieta u tlettin ċenteżmu (€992,728.33), bilanċ dovut fuq debitu fil-*loan* u *overdraft accounts* tas-soċjeta' Toys 'N Kids Limited mal Bank of Valletta flimkien ma l-imgħaxijiet dovuti mit 23 ta' Diċembru, 2019 sal pagament effettiv.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.

[1] Folio 616 seduta tat 22 ta' Gunju, 2022.

Imħallef Miriam Hayman

Dep.Reg Victor Deguara